# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-17 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 534/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**SM**

**Vs**

**ST**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SM datat 8 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' Digriet moghti mill-*Onorabbli Qorti Civili *(Second'Awla) datat is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-*sena elfejn u tnejn *(2002);*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-*sena elfejn u tnejn *(2002) in atti Dottor Marco Burlo'(Ara Dok B anness);*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

6. *Illi ai termini tal-artiklu erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jitolbu manteniment minn ghand xulxin;*

7. *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' ST, datat 30 ta' Dicembru 2021, a fol 14, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti tissottometti illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji kollha ghall-otteniment tad-divorzju;*

2. *Illi hija ma topponix it-talbiet attrici hlief illi tissottometti illi m'ghandhiex tbati spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri;*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SM xehed** (vide affidavit fol 9) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-23 ta' Dicembru 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li llum huma maggiorenni u jghixu hajja indipendenti. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Gunju 2002 fl-atti tan- Nutar Dr Marco Burlo' u li ilhom kwazi ghoxrin sena jghixu separatament. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata. Di piu' xehed illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**ST** xehdet (vide fol 17) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien***

***għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Dicembru 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 2227/1995 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo nhar is-27 ta' Gunju 2002 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2227/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**